MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 997/2009

**Damian Fenech u Carol Fenech**
**vs**
**Oliver Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' elf, erba' mija sebgha u ghoxrin ewro (€1427.00) somma dovuta lill-atturi mill-konvenut rapprezentanti hsarat likwidati u li baqghu ma thallsux stante avviz b'ittra legali datat 29 ta' Settembru, 2009 fejn baqa' inadempjenti. Dawn il-hsarat zviluppaw wara xoghlijiet li ghamel il-konvenut stess li hi proprjeta' biswit il-proprjeta' ta' l-attur.

Bl-ipsejjez, inkluzi zewg ittri legali u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentati.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li ghalkemm l-esponenti strettament m'huwiex responsabbli ghad-danni mitluba, sar ftehim fl-1 ta' Lulju, 2009 (dok A anness mal-

eccezzjoni) fejn l-esponenti ddikjara li lest jaghmel tajjeb ghad-danni hemm specifikati wara li l-attur jaghmel ix-xoghlijiet.

Ix-xoghlijiet ma sarux (hlief tal-kcina u l-esponenti hallas ghalihom) u ghalhekk l-azzjoni hija intempestiva u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-ammont mitlub huwa esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Carol Fenech.

Sema’ li fil-mori tal-kawza u cioe’ fl-10 ta’ Gunju, 2010 kien intlahaq ftehim dwar is-sorte tat-talba li thallas lill-atturi u kien fadal biss li jiftiehmu dwar il-kap ta’ l-ispejjez. Illi fis-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ispejjez jew jekk fil-frattemp kellu jintlahaq xi ftehim bejn il-partijiet dwar il-kap ta’ l-ispejjez, il-partijiet kellhom idahhlu nota konguntiva. Lit-Tribunal ma rrizulatlux li kien hemm nota konguntiva u ghalhekk jikkonkludi li ma kienx hemm qbil dwar il-kap ta’ l-ispejjez. It-Tribunal jirrileva li lanqas ma kien hemm rikors sabiex jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk ha jissokta billi jiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidra:**

Illi dan il-kaz si tratta dwar talba ghall-hsarat subiti mill-atturi waqt li kienu ghaddejjin xoghlijiet strutturali fil-proprjeta’ agjacenti. Illi fir-risposta tal-konvenut huwa kien dispost jaghmel tajjeb ghad-danni rikjesti wara li l-attur jaghmel ix-xoghlijiet. Illi x-xoghlijiet ma kienux saru u ghalhekk dehrlu li l-kawza kienet intempestiva.

Illi rrizulta li l-konvenut hallas ghal hsarat fil-mori tal-kawza izda baqa’ jikkontesta l-kap ta’ l-ispejjez a bazi tal-intempestivita’ tal-kawza tal-atturi.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-hsarat kienu saru, u gew kwantifikati. Illi lit-Tribunal ma jidhirlux illi l-hsarat ghandhom jithallsu wara li jsiru x-xoghlijiet riparatorji u lanqas ma jidhirlu li l-azzjoni ghalhekk kienet intempestiva. It-Tribunal huwa tal-fehma li malli l-attur accetta li jhallas s-sorte, l-eccezzjoni dwar l-intempestivita' ghaliex ix-xoghlijiet ma kienux ghadhom saru ma tistax tigi akkolta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici dwar il-kap tal-ispejjez li huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------